Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 16 ta' Novembru 2021**
**(OR. en)**

**13291/21**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0331(NLE)**

**AVIATION 265**
**CHINE 6**
**RELEX 905**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | ST 13079/21 INIT + ADD1 |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt skont il-Ftehim dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt<br>- Adozzjoni |

1. Fl-20 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq[1].

2. Il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina[2] fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt.

[1] ST13079/21 + ADD 1
[2] ĠU L 240, 24.7.2020, p. 4.

3. Il-Ftehim dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2020. Il-Kumitat Konġunt stabbilit fl-Artikolu 11 tal-Ftehim dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili huwa responsabbli għall-amministrazzjoni tal-Ftehim u jiżgura l-implimentazzjoni xierqa tiegħu.

4. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni eżamina l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill[3] u l-anness tiegħu[4] fil-11 ta' Novembru 2021.

5. It-testi, kif maqbula fil-Grupp ta' Ħidma, tħejjew mis-servizz tal-ġuristi lingwisti tal-Kunsill[5].

6. Konsegwentement, <u>il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti</u> huwa mistieden jikkonferma l-qbil tal-Grupp ta' Ħidma u jissuġġerixxi lill-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill flimkien mal-anness tagħha kif jinsabu fid-dokumenti 13546/21 u 13626/21 bħala punt "I/A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.

---

[3] Dok. 13371/21
[4] Dok. 13371/21 ADD 1
[5] Dok. 13546/21 + 13626/21